**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000017/2024**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 142 tar-Regoli ta' Proċedura
**Christine Anderson, Anja Arndt, Marc Jongen**
f'isem il-Grupp ESN

Suġġett: Ir-revoka tal-emerġenza klimatika u ambjentali ddikjarata

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali[1], il-Parlament iddikjara emerġenza klimatika u ambjentali, u impenja ruħu li jagħti prijorità lill-azzjoni klimatika fuq interessi oħra ta' politika, bħall-impjiegi, it-tkabbir u l-kompetittività.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, ġew adottati diversi miżuri leġiżlattivi u miżuri oħrajn li f'daqqa joħolqu sfidi għall-benesseri soċjoekonomiku taċ-ċittadini, żiedu b'mod sinifikanti l-għoli tal-ħajja u affettwaw ħażin il-potenzjal tat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Wara ħames snin li fihom ingħatat prijorità lill-azzjoni klimatika, wasal iż-żmien li jiġi adottat approċċ ġdid u aktar ibbilanċjat.

1. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-leġiżlazzjoni ppromulgata sa mill-2019, b'mod ġenerali, kellha impatt negattiv fuq il-benesseri soċjoekonomiku taċ-ċittadini tal-UE?

2. Il-Kummissjoni taqbel li hemm bżonn ta' approċċ aktar ibbilanċjat, wieħed li jpoġġi għanijiet oħra ta' politika – bħall-benesseri soċjoekonomiku, l-għoli tal-ħajja, il-potenzjal tat-tkabbir u l-kompetittività – fuq l-istess livell tal-azzjoni klimatika?

3. Il-Kummissjoni taqbel li d-dikjarazzjoni ta' emerġenza klimatika u ambjentali għandha tiġi rtirata?

Imressqa: 5.12.2024
Skadenza: 6.3.2025

[1] https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2019-0078_MT.html